# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 49/2018 MH**
Fl-ismijiet :

**Avukat Dottor Alfred Grech (K.I. Nru 5952G)**
**vs**
**Avukat Ġenerali;**

**U**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**U**

**B'digriet tal-5 ta' Novembru, 2018 gie kjamat in kawza Anthony Xuereb**

**Illum, 28 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors Kostituzzjonali** tar-rikorrent tas-7 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu espona:

*"Illi riċentament l-esponenti inġab a konoxxenza ta' digriet mogħti mil-Imħallef Antonio Mizzi tas-17 ta' April 2018 mogħtija fil-proċeduri skond l-Artikolu 541 (3) tal-Kodiċi Kriminali istitwiti għad-istanza ta' ċertu Anthony Xuereb mil-liema jirriżulta li wara li l-istess Xuereb kien għamel kwerela kontra l-esponenti mal-Pulizija Eżekuttiva u dan wara investigazzjoni u parir mill-Avukat Ġenerali dehrilhom li ma hemmx provi sabiex jaġixxu, u wara proċedura ta' Sfida istitwita kif fuq ingħad il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) iddeċidiet fis-sens li ma hemmx lok li jittieħdu ebda passi l-istess sfidant appella minn dik id-deċiżjoni u bid-digriet mogħti fis-17 ta' April 2018 fuq imsemmi l-Imħallef sedenti ordna illi jittieħdu l-passi kontra l-esponenti skond il-kwerela tal-isfidant.*

*Illi l-esponenti jħoss li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu senjatament dawk sanċiti mil-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u dana għas-segwenti raġunijiet:*
*a. Id-Digriet tas-17 ta' April 2018 in kwantu jistrieħ fuq ġurisprudenza preċedenti li tgħid li dak li jidher "mad-daqqa t'għajn" għandu jkun biżżejjed biex jinduċi lill-Pulizija Eżekuttiva jieħdu passi imur kontra kemm il-prassi u kemm il-liġi fis-sens illi meta tiġi biex takkuża bniedem il-Pulizija jrid ikolla prova raġenevoli ta' ħtija.*

*b. In kwantu iddeċiedit li jittieħdu passi kontra tiegħu fi proċess ġudizzjarju fejn kienu qegħdin jiġu determinati d-drittijiet ċivili u kriminali tal-esponenti mingħajr ma biss ingħata opportunita' li jressaq il-każ tiegħu huwa bi vjolazzjoni tal-Artikoli fuq imsemmija. F'dan ir-rigward għandu jittieħed bħala prinċipju dak li jingħad fil-każijiet fejn jiġu kjamati fil-kawża terzi persuni. F'dan is-sens il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet Sharon Rose Roche Et. vs Avukat Generali Et. ref 36/2017MH fid-digriet tagħHa tat-2 ta' Marzu 2018 sostniet li:*

*"Sintetikament għalhekk dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali juru li –*

*1. Talba għall-kjamat in kawża ta' terza persuna titqies favorevolment primarjament meta l-preżenza ta' tali persuna fil-proċeduri tkun indispensabbli għall-kompletezza tal-ġudizzju;*

*2. F'diversi każi pero', anke jekk il-ġudizzju kien integru, xorta ġiet ordnata l-kjamata in kawża ta' terza persuna, u dan sabiex jiġu protetti d-drittijiet ta` min ikun direttament interessat fl-ewwel azzjoni giudizzjarja;*

*3. L-interess meħtieġ biex persuna tiddaħħal f'kawża għandu jkun bħall-interess ġuridiku li għandu jkollha parti fil-kawża, madankollu dan l-interess jista` jkun*

*anke mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jiġix direttament kundannat jew liberat, il-kjamat ikun jista` jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi ta' min qed jipproponi l-kawża jew tal-intimat, jew addirittura tiegħu nnifsu differenti minn dawk tal-partijiet;*

*4. Fir-rigward ta' proċeduri ta' natura kostituzzjonali bħal dak tal-lum, huwa minnu li fil-prinċipju, kif anke osservat ir-rikorrenti odjerna, huwa l-Istat li jgorr ir-responsabbilta' għall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-parti leża. Madankollu anke n-natura tar-rimedju mitlub jew akkordat jista' jwassal għat-tnissil ta' nteress ġuridiku f'terzi persuni privati li jistgħu jiġu affetwati bir-rimedju mogħti jekk il-każ kostituzzjonali jkollu eżitu favorevoli għar-rikorrenti. Eżempju wieħed huwa f'kawżi kostituzzjonali fejn sidien ta' proprjetajiet jallegaw illi huma qegħdin jiġu mċaħħda mill-proprjeta' tagħhom bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom minħabba eż. dak li jistipulaw xi dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll ta' Djar (Kap 158 tal-Liġijiet ta'Malta). F'tali kawżi, għalkemm strettament huwa l-Istat li jkun promulga l-liġi meqjusa leżiva u huwa l-Istat ukoll li se mai jinstab li kiser id-drittijiet fundamentali tas-sid, ir-rimedju mogħti mhux l-ewwel darba li ma jkunx limitat biss għall-kumpens pekunarju iżda jiġi deċiż ukoll li b'riżultat tal-ksur imsemmi, fl-eventwalita' ta' kawża għal żgumbrament kontra l-inkwilin li jkun jabita fil-fond in kwistjoni, tali nkwilin ma jkunx jista' jinvoka l-protezzjoni tal-liġi msemmija a favur tiegħu bħala difiża.*

*Hekk fost oħrajn issir referenza għall-każ kostituzzjonali Dr Cedric Mifsud et noe vs Avukat Ġenerali et (Rik kost 34/10). L-inkwilin f'dak il-każ kien ġie kjamat fil-proċeduri peress li fost ir-rimedji mitluba għall-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali kien hemm dawk li propju jolqtu l-interessi u d-drittijiet tiegħu qua inkwilin direttament (Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti -"Tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji li jidhrilha li huma xierqa fis-sitwazzjoni, inkluż li jerġgħu jieħdu l-pussess tal-art". Effettivament tali rimedju ġie akkordat meta l-Qorti ddeċidiet li -"Tiddikjara li l-Artikolu 12(2) tal-Ordninanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta) hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 1 fir-rigward tal-fond numru 13, Charlotte Alley, Għargħur, u għalhekk m'għandux effett. Għaldaqstant l-intimat Camilleri ma jistax jinvoka dan il-provvediment biex jibqa' jabita fil-fond oġġett ta' dawn il-proċeduri". Din il-parti tas-sentenza ġiet konfermata mill-QortiKostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014).*

*L-istess jingħad għall-każ ċitat fis-suespost minn din il-Qorti L-On. Dr Simon Busuttil vs L-Avukat Generali fejn ġie deċiż li l-eċċezzjoni tal-intimati għall-kjamat fil-kawża tal-persuni mitluba kellha tintlaqa' għax l-eżitu tal-proċeduri kostituzzjonali seta' jkollu mpatt fuqhom. Il-Qorti qalet hekk –*

*"Il-Qorti tkompli tirrimarka illi l-kawża tal-lum kienet promossa wara li d-diversi rikorsi ta` appell intavolati skont il-liġi mill-persuni ndikati fit-tielet eċċezzjoni kienu lkoll assenjati għas-smigħ quddiem l-Onor. Imħallef Antonio Mizzi, li min-naħa tiegħu ċaħad it-talba għal rikuża mis-smigħ ta` dawk ir-rikorsi, li tressqet mir-rikorrent odjern.*
*Abbażi tal-fatti li jirriżultaw mill-atti, u fl-isfond tal-ġurisprudenza fuq ċitata, għal din il-Qorti huwa bil-wisq evidenti li l-persuni kollha ndikati fit-tielet eċċezzjoni għandhom l-interess rikjest mil-liġi sabiex ikunu parti fil-proċediment odjern billi kemm dan il-proċediment kif ukoll l-esitu tiegħu huwa direttament, sostanzjalment u għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi relatat mal-appelli tal-persuni mill-provvediment tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.*

*B`żieda ma` dan, il-Qorti hija tal-fehma illi fir-rikors tal-lum, kuntrarjament għat-talbiet li saru fil-kawżi: Grace Spiteri vs L-Avukat Generali; u Ewkaristika Farrugia et vs L-Avukat Generali, ma hemmx biss talba sabiex jiġi dikjarat li digriet partikolari jew proċedura partikolari qegħda tikser jew x` aktarx ser tikser id-dritt ta` smigħ xieraq tar-rikorrent.*
*Tant dan huwa hekk illi fil-każ tal-lum, permezz tat-tieni talba, il-qorti hija mitluba tħassar, tannulla u tirrevoka kwalsiasi digrieti u/jew sentenzi li tat il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor Imħallef Antonio Mizzi fir-rikorsi inkluż izda mhux limitat għal digrieti jew sentenzi li jolqtu l-mertu ta` l-istess rikorsi.*

*B`din it-talba, qed jintalab li minħabba allegata leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq, id-digrieti u sentenzi diga` mogħtija jiġu mħassra u annullati, inkluż dawk li jolqtu l-mertu tar-rikorsi ppreżentati mill-persuni ndikati fl-eċċezzjoni li qegħda tkun deċiża llum.*
*Abbażi tal-premess, għandu jirriżulta ċar li l-persuni konċernati, bħala l-persuni li ppreżentaw ir-rikorsi de quo quddiem il-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Antonio Mizzi, għandhom l-interess sħiħ li trid il-liġi sabiex ikunu parti fil-kawża tal-lum, li tista` twassal, in vista tat-talbiet li ressaq ir-rikorrent fil-kawża tal-lum, għat-tħassir ta` provvedimenti li jirrigwardaw direttament dawk il-persuni. Din il-Qorti ssib konfort għal dak li qegħda tgħid f`diversi istanzi kostituzzjonali fejn fil-każ ta` sitwazzjonijiet kważi-identiċi għal din tal-lum, qrati ta` ġurisdizzjoni bħal din tal-lum ordnaw il-kjamata fil-kawża ta` persuni bl-interess li trid il-liġi. In partikolari tirreferi għad-digriet tat-30 ta` Ġunju 2015 li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet Lawrence Grech et vs L-Avukat Ġenerali et.*

*Ċertament għalhekk li dawn huma biss uħud mid-diversi istanzi fejn it-terz privat għandu jkun parti mill-kawża kostituzzjonali għaliex potenzjalment jista' jiġi affetwat mill-eżitu ta' dawk l-istess proċeduri."*

*Illi peress li mis-sema l-isfel ħadd mhu infallibbli u għalhekk huwa ovvju li l-Imħallef li jisma' biss lill-kwerelant jakkuża lil xi ħadd u jiddeċiedi li jittieħdu passi kontra tiegħu mingħajr ma jisimgħu qed jivvjola l-Artikoli fuq imsemmijaiktar u iktar meta qed jirreferi għall-esponeti bħala "intimat"1 meta dan la kien parti għal dawn il-proċeduri u lanqas ġie imsejjaħ biex jagħti l-veduti tiegħu.*

*Illi lanqas jingħad li l-interessi tal-esponenti kienu qed jiġu tutelati mil-intimat Kummissarju tal-Pulizija għaliex l-ewwel nett l-interessi tal-esponenti u dawk tal-Kummissarju tal-Puliizja fl-imsemmija proċeduri ma jikkonkorrux u iktar minn hekk jidher li l-intimat Kummissarju f'dawk il-proċeduri naqas ukoll milli jagħmel il-parti tiegħu li jmexxi l-proċeduri b'diliġenza li dak il-każ kien jitlob2. Di piu jidher li l-intimat Kummissarju lanqas għamel id-dovuta invetigazzjoni u riċerka u fejn ma kienx jaf ħa parir fir-rigward ta' proċeduri ġudizzjari mertu tal-isfida stante li jidher li l-kwerelant tħalla jipproduċi l-provi dokumentarji li ried mingħajr ma ittieħed konsiderazzjoni tal-korp kollu tad-dokumenti u xhieda li kien disponibbli biex wieħed seta' jilqa' għall-allegazzjonijiet tal-kwerelant.*

*GĦALDAQSTANT u in vista tal-premess l-esponenti umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobHa:*

*Tiddikjara illi l-proċeduri tal-isfida fl-ismijiet Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija li tterminaw permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' April 2018 per Imħ. Dr. Antonio Mizzi jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti għal smigħ xieraq sanċiti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem;*

*2. Tiddikjara illi d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali jilledu d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti għal smigħ xieraq sanċiti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem;*

*3. Tiddikjara nulli l-proċeduri tal-isfida fl-ismijiet Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Puliizija li tterminaw permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' April 2018 per Imħ. Dr. Antonio Mizzi; u*

*4. Tipprovdi kwalsiasi rimedju iehor li jkun xieraq fic-cirkost anzi inkluż ħlas ta' kumpens xieraq."*

Rat **ir-risposta tal-intimati Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-23 ta' Mejju 20183** li permezz tagħha rribatew li:

*"Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrent Dr. Alfred Grech qiegħed jallega ksur tad-dritt tiegħu għal-smigħ xieraq kif jipprovdi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta għaliex ma kienx parti fil-proċedura ta` sfida fl-ismijiet Anthony Xuereb vs. Kummissarju tal-Pulizija deċiża mil-Qorti Kriminali fis-17 ta`April 2018. B`mod partikolari ir-rikorrenti qiegħed jattakka l-proċedura kontemplata fl-artikolu 541 tal-Kap 9.*
*Illi esponenti jirrespinġu l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*1. Preliminarjament jiġi eċċepit li ġaladarba b`din il-kawża kostituzzjonali qed tiġi attakkata azzjoni ta` terz u ċioe` ta` Anthony Xuereb li ħa kontra l-Kummissarju tal-Pulizija biex tittieħed azzjoni kriminali fil-konfront tar-rikorrent, m`hemm l-ebda dubju li Anthony Xuereb għandu interess dirett fl-eżitu ta` din il-kawża. Fuq kollox ir-rikorrent permezz tat-tielet talba qiegħed jitlob li l-proċedura tal-isfida Anthony Xuereb vs. Kummissarju tal-Pulizija tiġi dikjarata nulla. Għalhekk biex il-ġudizzju jkun integru għandu jiġi kjamat fil-kawża Anthony Xuereb.*

*2. Illi fil-mertu l-esponenti jeċċepixxu li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma japplikawx għas-sitwazzjoni tar-rikorrent peress li fil-proċedura ta` sfida Anthony Xuereb vs. Kummissarju tal-Pulizija ma ġiet determinata l-ebda akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrent u wisq inqas ma ġew deċiżi xi drittijiet ċivili jew obbligi tiegħu.*

*Illi dwar l-applikabilità tal-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni***, huwa miżmum li dan l-artikolu japplika biss meta l-applikant ikun mixli b'reat. Għall-finijiet tal-Konvenzjoni, tkun ħarġet akkuża meta "the official notification (is) given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence or some other act which carries the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect";*
*Illi l-***artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta*** jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qegħda tinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Fi proċeduri mibdija taħt l-***artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*** ma jiġux ikkunsidrati akkużi iżda jiġi mistħarreġ biss jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għandux jibda proċeduri kriminali jew le. Għalhekk ladarba fil-proċeduri ta' sfida ebda akkuża ma tkun inħarġet, dan għandu jġib bħala konsegwenza l-inapplikabbilità tal-***artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta***;*

*Fil-każ tagħna qabel ma ġew mitmuma l-proċeduri tal-isfida, il-Kummissarju tal-Pulizija (l-awtorità kompetenti bil-liġi biex joħroġ akkużi), qatt ma kien ħareġ*

*avviż formali kontra Dr. Alfred Grech jew wettaq xi att li bih kien qiegħed jimplika li Dr. Grech kienet qed tiġi mixlija b'kommissjoni ta' reat. Anzi bil-kontra l-Kummissarju tal-Pulizija kien qiegħed jirrifjuta li joħroġ akkużi kontra r-rikorrent. Għalhekk ladarba l-istadju tal-proċeduri ta' sfida jikkontemplaw fażi meta l-awtorità kompetenti ma ħaditx passi biex toħroġ akkużi, wieħed minnufih għandu jasal għall-konklużjoni li l-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni*** *mhuwiex applikabbli għar-rikorrent nomine;*

*3. Illi fuq kollox il-ħsieb wara l-azzjoni ta' sfida mhijiex biex jiġu determinati xi akkużi kriminali iżda biss biex jiġi sindikat jekk il-Kummissarju tal-Pulizija għamilx sew li ma bediex proċeduri kriminali fuq rapport jew denunzja mressqa lilu. Billi għalhekk il-proċeduri ta' sfida tolqot biss lill-Kummissarju tal-Pulizija u min ikun irrapporta bl-allegat twettiq ta' reat, ma hemmx għalfejn li l-persuna mixlija mill-kwerelant tkun parti fil-proċeduri tal-isfida.*

*4. F`dan il-qafas jingħad ukoll li sabiex jġgi salvagwardjat il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, persuna li tkun allegatament wetqet reat m`hijiex tenuta tintervjeni bl-għan li tipprova l-innoċenza tagħha. Huwa magħruf li fil-proċeduri tal-isfida taħt l-***artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali***, il-Qorti ma tistħarriġx il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna li dwarha jsir ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela iżda l-Qorti tistħarreġ biss l-operat tal-Pulizija biex tara jekk ir-rifjut tal-istess Pulizija li tmexxi l-azzjoni kriminali kienx mistħoqq jew le.*

*5. Illi għalkemm huwa minnu li eżitu pożittiv fil-proċedura ta' sfida tista' twassal biex jinħarġu akkużi kontra xi persuna, b'danakollu dan ma jfissirx li dik il-persuna tkun ġiet preġudikata milli jkollha smigħ xieraq bis-sempliċi fatt li jkun hemm ordni tal-Qorti biex jinbdew proċeduri kriminali. Bħalma l-persuna akkużata ma tiġix ippreġudikata meta l-Pulizija Eżekuttiva minn jeddha wara li tkun investigat il-każ u ħadet kont tad-denunzja jew rapport mgħoddi lilha minn kwerelant tiddeċiedi li toħroġ akkużi kriminali mingħajr ma toqgħod tiddiskuti r-raġunijiet tagħha mal-akkużat, hekk ukoll persuna ma tiġix ippreġudikata fil-jedd ta' smigħ xieraq tagħha fil-proċeduri kriminali sussegwenti, jekk il-proċeduri kriminali minflok ġew istiwiti mill-ewwel mill-Pulizija Eżekuttiva, dawn ġew istitwiti fuq ordni tal-Qorti wara talba magħmula*
*minn kwerelant;*

*Għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrent nomine ma tistax tiġi milqugħa għaliex l-****artikolu 541 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*** *ma jistax jitqies li huwa in vjolazzjoni la tal-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni*** *u lanqas tal-***artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;***

*6. Illi jingħad ukoll li mhux l-ewwel darba li tqajjem ilment simili dwar is-siwi tal-proċedura kontemplata fl-artikolu 541 tal-Kap 9. Fil-fatt l-ilment li qajjem ir-rikorrent diġa` ġie deċiż mill-Qrati Maltin u dan kif ser jiġi muri waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża.*

*Għaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;"*

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza Anthony Xuereb fejn ippremetta li:

1. *Illi preliminarjament, ir-rikors hu intempestiv għaliex effettivament, fid-data li nfetħet din il-nkawza, ma kien hemm assolutament l-ebda akkuża kriminali fil-konfront tar-rikorrent li kienet debitament notifikata lilu. Fin-nuqqas ta' dan ma jistax jingħad li kien hemm ksur tad-dritt ta'smigħ xieraq, u għalhekk r-rikors hu monk;*

2. *ILLI fil-mertu, r-rikorrent għalxejn joqgħod jipprova (fl-ewwwel paragrfu tar-rikors promotur, kif wkoll fin-nota tal-31 ta' Awwissu 2018) jpingi d-diġriet tas-17 ta' April 2018 tal-Qorti Kriminali bhala xi exitu anomolu, għax bħala avukat prattikanti messu jaf li: dherilhom x'dherilhom il-Pulizija Eżekuttiva, kien x'kien il-parir tal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali, u ddeċidiet x'ddeċiediet il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex), il-ġudizzju tal-Qorti Kriminali hu superjuri u deċeżiv, wahdu:*

3. *ILLI l-esponent bħala rikorrent fil-proċedura ta' sfida li wasslet għad-diġġriet msemmi, mexa strettament mar-rekwiżiti u parametri tal-liġi (f'artiklu 541 tal-Kap 9) f'kull stadju tal-proċedura u bl-ebda mod ma kien hemm xi nuqqqas, oġġezzjoni jew azzjoni da parti tal-esponent li tellfet lir-rikorrent min xi dritt l-attwalment kellhu jew jippretendi li kellhu;*

4. *Illi r-rikorrent hu żbaljat fejn jgħid li l-Qorti kriminali fil-proċedura ta' sfida "kienu qedgħin jiġu determinati d-drittijiet ċivili u kriminali tal-esponenti", għaliex il-proċedura ta' sfida minnha nfisha mhix intiża li tidħol fil-ħtija jew innoċenza tal-kwerelat, imma għandha l-għan uniku li tgħamel "judicial review" tad-deċiżjonijiet tal-Pulizija Eżekuttiva, kif attwalment għamlet il-Qorti kriminali, għal-oppost ta' dak li għamlet il-Qorti tal-Magistrati(Ghawdex), u ta' liema deċiżjoni ġiet mhassra;*

5. *ILLI minghar preġuddizju għas-suespost, ir-rikorrent kien konaspievoli, kellhu l-għarfien, il-mezzi u l-opportunita biex waqt il-proċedura ta' sfida li wasslet għad-diġriet msemmi jeżerċita kull dritt li seta' kellhu; u r-rikorrent ma għamiliex dan semplicmenet b'nuqqas jew b'għażla tiegħu*

*jew bl-intenzjoni speċifika sabiex jkun jista' jqajjem it-talbiet fil-każ odjern u sabiex jtawwal, u b'hekk din il-kawza għanda tiġi meqjusa bħala frivola u vessatorja;*

6. *ILLi għalhekk mingħajr preġudizzju għas-suespost, u jekk għall-ġrażżja tal-argument, artiklu 39 tal-Kostituzjoni ta' Malta u artiklu 6 ECHR japplikaw f'ċerti ċirkustanzi fejn jkun għad m'hemmx akkuża kriminali, ser jiġi provat fatti speċi waqt is-smigħ ta' din il-kawża, li huma konsistenti mal-ġuripendenza tal-Qrati Maltin dwar smigħ xieraq waqt proċedura ta' sfida taħt artiklu 541 tal-Kap 9;*

7. *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-msemmi diġriet tas-17 ta' April 2018 kien konsisitenti ma' ġuriprudenża ben stabbilta ta' x'inhu il-livell ta' provi prima facie li għandhom jwasslu għal akkużi kriminali, u dan wara li l-Onorabli Qorti Kriminali eżaminat fid-dettal il-provi kollha quddiemha, inkluż l-istqarrija lil Puliżija tal-kwerelat, hawn r-rikorrent;*

8. *ILLI dwar it-tieni talba fir-rikors, u l-adegwateżża u s-siwi important li jipprovdi l-artiklu 541 tal-Kap 9; l-esponent, bħala persuna li kellu jirrikorri għal-pro1edura ta' sfida darbtejn fl-aħħar għaxar snin, umiljament jissottometti li din il-proċedura hi parti important mic'-checks and balances' tal-amministrazzjoni xierqa w korretta tal-ġustizzja. Jkun wara l-isfida, f'proċeduri kriminali, li l-akkużat jkollu kull faċilita' li jinstema' u jiddefendi ruħu taħt kull prezunzjoni tal-innocenza.*

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet u semgħet it-trattazzjonijiet;

Ikkunsidrat

**1.** Illi dan ir-rikors ta' natura kostiuzzjonali u konvenzjonali huwa spxrunat mill-lanjanza tar-rikorrenti għal fatt li hu ma kienx parteċipi fi proċeduri ta' sfida mressqa mill-kjamat in kawza li kienet tmiss potenzjali akkuzi kriminali miġjuba fil-futur kontrih. Fil-fatt wara d-debitu appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Magistrati bħala waħda ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti ta' l-Appell laqgħet it-talba ta' l-isfidant u sabet li kien hemm bażi *prima facie* għal kwerela mressqa minn Xuereb fil-konfront tar-rikorrenti u konsegwentement saret id-debita ordni

lil Kummissarju tal-Puliżija biex jipproċedi kontra r-rikorrenti skont il-liġi. Għalhekk inħargu l-akkużi rispettivi kontra r-rikorrenti odjern [1]

Konsegwenza ta' dawn il-proċeduri, r-rikorrenti ħassu aggravat in kwantu jilmenta li hu qatt ma ġie notifikat u wisq anqas seta' jipparteċipa fil-proċeduri ta' sfida li kienu jolqtu lilu bil-konsegwennza li ġarrab ksur tad-drittijiet tiegħu kemm kostituzzjonali u konvenzzjonali ai terminu ta' l-artikolu 39 u 6 rispettivament. Senjatament fejn jolqot id-dritt ta' smiegħ xieraq, talab lid-disposizzjoni ta' l-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, dik ta' sfida għal Kummissarju, tiġi dikjarata leżiva tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti fl-artikoli msemmija, talab ukoll n-nullita' tal-proċeduri ta' l-isfida konċernati u rimedji oħra inkluz ħlas ta' kumpens xieraq.

Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti jesplora veduti oħra biex jsostni l-lanjanza tiegħu, fir-rikors promotur in eżami jserraħ it-talba tiegħu maggorment fuq l-istitut tal-kjamat in kawza.u jiċċita żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali u oħra tal-Prim'Awla sede Kostituzzjonali[2], li jaffermaw illi f'tali kawzi, għalkemm għal l-ilment se jirrispondi dejjem l-Avukat ta' l-Istat, l-inteġrita' tal-ġudizzju titlob li jiġu kjamati n kawza dawk t-terżi li jiġu affetwati bid-deċiżjonijiet tal-Qorti nonostante li qatt ma jistgħu jwieġbu huma għal leżjoni, terżi meqjusa li għandhom interess passiv biex jipparteċipaw fil-proċeduri miġjuba. Każ l-aktar klassiku ripetut fil-każistika nostrali huwa dak ta' l-inkwilin f'kawżi relatati mal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u emendi għal-liġijiet tal- kera.

Isostni għalhekk wara li jagħmel referenza għal *"..diversi instanzi fejn it-terz privat għandu jkun parti mill-kawza kostituzzjonali għaliex potenzjalment jista' jiġi affetwat mill-eżitu ta' dawk il-proċeduri,"* illi hu kellu jkun pateċipi fil-proċedura ta' l-isfida jekk mhux ukoll li kienet inkombenti fuq il-Qorti li tordna l-pateċipazzjoni tiegħu.

Ikomppli li fil-proċeduri ta' sfida il-Kummissarju tal-Pulizija kien karrenti fit-tmexxija tal-proċeduri u li l-isfidant tħalla jipproduċi bħala prova biss dawk id-dokumenti li ried, ċioe' kien selettiv, u dan ad esklussjoni ta' oħrajn indikattivi ta' l-innoċenza tar-rikorrenti, ukoll eskluda xhieda disponibbli li setgħet tilqa għal allegazzjonijiet tiegħu (ta' l-istess kwerelant/sfidant).

Għar-raguniet fihom esposti, kemm l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ukoll il-kjamat in kawza Anthony Xuereb, fir-risposti tagħhom irrispingew it-talbiet tar-rikorrenti.

---

[1] Esebiti ma' l-affidavit ta' l-istess rikorrenti a folio 111 ta' l-atti proċesswali.
[2] Per l-imħallef sedenti.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid, li kif se jiriżulta t-talbiet mressqa mir-rikorrenti ma jsibu ebda serħan u appogg legali.

Ikkunsidrat

**2.** Illi n kwantu l-attakk huwa fuq l-operat ta' l-artikolu 541 tal-Kp 9 u l-effetti tiegħu, jkun għalhekk opportun illi tislet parti sostanzjali minn deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta, deċiżjoni appellata u kkonfermata kif sew qal il-kjamat in kawza Xuereb, fl-ismijiet **Adrian Busietta vs l-Avukat Ġenerali et**[3]. fejn il-Qorti f'sentenza ta' l-istess tematika spjegat dan dwar l-artikolu attakat:

*"Illi dwar l-ewwel element, jibda biex jingħad li fil-proċeduri tal-Isfida taħt l-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ma tistħarriġx il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna li dwarha jsir ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela. F'dik il-proċedura, huma tnejn il-partijiet: il-parti rikorrenti li tkun ħassitha aggravata għaliex il-Pulizija ma tkunx ħadet passi kontra l-persuna kwerelata jew rapportata, u l-Kummissarju tal-Pulizija, in rappreżentanza tal-Korp tal-Pulizija, li jkun qiegħed jiġi sfidat biex jibda l-proċeduri kontra l-persuna kwerelata jew rapportata. Dik l-isfida tissarraf f'ordni tal-Qorti li tkun qieset jekk ir-rapport, il-kwerela jew id-denunzja jkollhomx ix-xamma ta' verita' jew possibilita' li bis-saħħa tagħha jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-persuna hekk rapportata, denunzjata jew kwerelata. L-ordni tista' tkun kemm favur it-talba u kif ukoll biex tiċħadha, u l-liġi ssemmi wkoll proċedura kif ordni bħal dak jista' jiġi appellat17. Fl-għoti ta' ordni mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu,* ***ma jsir l-ebda apprezzament dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna kwerelata, denunzjata jew rapportata***[4]*: l-ordni jkun biss biex il-Pulizija tmexxi skond ir-rapport, denunzja jew il-kwerela li tkun saritilha.* ***Anqas u anqas ikun sar xi ġudizzju dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-parti kwerelata, denunzjata jew rapportata;"***[5]

Kif sew tratta personalment il-kjamat in kawza, din is-sentenza ġiet fil-fatt appellat u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali[6] fejn ingħad li:

*"5. Il-partijiet ittrattaw l-appell fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2006, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum. Din il-Qorti hi tal-fehma li ghad-determinazzjoni ta' dana l-appell wiehed irid jezamina sew x'jimporta verament l-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali fis-sistema gudizzjarja, u specjalment fis-*

[3] Deċiż 19/05/2005; 29/2003/1
[4] Enfasi ta' din il-Qorti
[5] ibid
[6] Deċiża 13/03/2006

*sistema penali, taghna. Dana l-artikolu, kif tajjeb osserva l-abbili Deputat Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu, huwa forma ta' judicial review ta' l-operat tal-pulizija. Il-Kodici Kriminali jipprovdi li certi reati – fost dawk ir-reati fejn il-piena ma teccedix dik ta' sitt xhur prigunerija – u cioe` dawk li jirrikjedu l-kwerela tal-parti leza, jigu prosegwiti mill-istess parti leza – dik li tissejjah prosekuzzjoni privata – ara l-Artikoli 4(2), 373 u 374 tal-imsemmi Kodici – salv dak li jipprovdi l-proviso ta' l-imsemmi Artikolu 373, b'mod li meta jikkonkorru c-cirkostanzi msemmija f'dak il-proviso l-azzjoni tista' xorta wahda titmexxa ex officio mill-Pulizija Ezekuttiva. Ghalhekk, fir-rigward ta' dawn ir-reati – li fil-verita` huma ftit bhala numru – l-azzjoni kriminali titmexxa mill-istess parti leza, u fil-konfront ta' dawn ir-reati il-Pulizija Ezekuttiva tagixxi biss ta' awtorita` notifikanti, billi tohrog u tinnotifika c-citazzjonijiet (li jissejhu citazzjonijiet ta' kawza privata) u l-avvizi l-ohra mehtiega, inkluz it-tahrik tax-xhieda. Fir-rigward tar-reati l-ohra kollha, pero`, l-azzjoni kriminali titmexxa mill-Pulizija Ezekuttiva (f'xi kazijiet, li huma wkoll relattivament ftit fin-numru, wara li jkun hemm il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni ta' xi awtorita` ohra, bhal per ezempju, ta' l-Avukat Generali). Biex ikun hemm xi forma ta' kontroll gudizzjarju fuq l-operat tal-Pulizija Ezekuttiva, ga fl-1909 – meta allura l-Korp tal-Pulizija kien serv fidil ta' l-awtoritajiet kolonjali f'Malta – inhasset il-htiega li tigi introdotta l-procedura ta' sfida permezz ta' l-Artikolu 51 tal-Att VIII ta' dik is-sena. Din id-disposizzjoni – illum l-Artikolu 541 tal-Kap. 9 – tipprovdi hekk fis-subartikolu (1) taghha:*

***"Jekk, fil-kazijiet li fihom it-tmexxija ta' l-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Ezekuttiva, din ma tkunx trid tagixxi wara d-denunzja, rapport jew kwerela ta' delitt ,[7] il-persuna li tkun ghamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Magistrati li jigi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proceduri mehtiega; u jekk il-qorti, wara li, meta jinhtieg, tisma' l-provi li jgib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li prima facie hemm lok ghad-denunzja, rapport jew kwerela, ghandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-registratur, lill-Kummissarju tal-Pulizija bl-ordni li taghti ghaldaqshekk: Izda, ir-rikorrent ghandu, qabel xejn ma t-talba tieghu titmexxa 'l quddiem, iwettaq bil-gurament id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela, u jobbliga ruhu, taht penali, f'somma li tiffissa l-qorti, li jaghti fil-kawza, jekk ikun imsejjah, ix-xiehda tieghu, inkella li jaghti dawk il-provi li jkollu f'idejh illi bihom l-imputat ikun jista' jinsab hati…."***

*Is-subartikolu (3), introdott permezz ta' l-Att III tal-2002, jaghti forma ta' appell kemm lill-Avukat Generali kif ukoll lir-rikorrent mid-decizjoni li tkun tat il-Qorti tal-Magistrati ghall-quddiem il-Qorti Kriminali. Qabel ma gie introdott dana s-subartikolu, sia jekk id-decizjoni kienet tkun li l-pulizija ghandhom imexxu u sia*

[7] Il-procedura mhix applikabbli fil-kaz kontravvenzjonijiet prosegwibbli *ex officio.*

*jekk kienet tkun li ma hemmx lok li jmexxu, kulhadd kien irid joqghod ghaliha ghax ma kien hemm ebda forma ta' procedura ta' revizjoni bhalma hemm illum. Kif jidher minn qari akkurat ta' din id-disposizzjoni, ghalkemm il-procedura ta' sfida tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati – u skond prassi inveterata, dejjem gie ritenut li din il-Qorti tkun qed tagixxi fl-attribuzzjoni taghha ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ghalkemm id-disposizzjoni tal-ligi proprjament hija siekta dwar dan id-dettal – dak li fl-fatt taghmel il-Qorti huwa, mhux li tara jekk il-kwerelat, id-denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha sar ir-rapport hux hati o meno tar-reat jew reati migjuba f'dik il-kwerela, denunzja jew rapport; anqas ma tara jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex huwa jitqieghed taht att ta' akkuza, f'kaz li n-notitia criminis tkun tirreferi ghal reat li jgib piena ta' aktar minn sitt xhur prigunerija – procedura li tispetta lill-Qorti Istruttorja fil-kontradittorju tal-persuna eventwalment akkuzata; anqas ma tigbor il-provi li talvolta jkunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna – huwa infatti proprju ghalhekk li r-rikorrent, fil-procedura ta' sfida, jobbliga ruhu li eventwalment, u cioe` fil-proceduri, jekk talvolta jinbdew, kontra l-kwerelat, denunzjat jew il-persuna li fil-konfront taghha jkun sar ir-rapport, jaghti x-xiehda tieghu u jgib il-provi "li jkollu f'idejh"; **izda dik il-Qorti tissindika biss l-operat tal-Pulizija biex tara jekk ir-rifjut ta' l-istess Pulizija li tmexxi l-azzjoni kriminali kienx gustifikat o meno[8].** F'dan is-sens, il-persuna "investigata" hija l-Pulizija, li trid tiggustifika l-inazzjoni taghha, u mhux il-persuna li tkun issemmiet fil-kwerela, fid-denunzja jew fir-rapport. Il-procedura ta' sfida hija procedura li biha l-awtorita` gudizzjarja, a differenza ta' xi awtorita` ohra gerarkikament superjuri ghal dik tal-Pulizija Ezekuttiva, tara jekk il-Pulizija Ezekuttiva, tkunx imxiet korrettement f'kaz partikolari fejn hija tkun qed tghid li m'ghandhiex tagixxi in segwitu ghal rapport, denunzja jew kwerela partikolari. "*

Ġia min dan it-tgħallim ġudiżżjarju mogħti mill-għola Qorti ta' pajjiżna jidher ċar u lampanti lli r-rikorrenti huwa ferm u għal kollox żbaljat fl-interpretazzjoni tiegħu ta' l-implikazzjoni u l-operat ta' l-artikolu li jirregola l-isfida diretta lejn il-Kummissarju tal-Puliżija.

Fid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet **Dr.Lynn Zahra vs Il-Kummissarju tal-Pulizija[9]** ntqal li:

*" Illi din il-proċedura ta' "sfida" lill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali hija proċedura speċjali li hija intiża sabiex il-Qorti tiddetermina fuq bażi* ***prima faciae*** *jekk hemmx lok għalbiex in-notitia criminis li tkun saret lill-Pulizija tiġi tradotta fil-konsegwenti azzjoni penali. L-iskop ta' dawn il-proċeduri huwa li l-Qorti tal-Maġistrati twettaq forma ta' "judicial review" fuq l-operat tal-Pulizija meta, fil-każijiet kongruwi, ma*

[8] Enfasi ta' din il-Qorti.
[9] Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 22 ta' settembru, 2015

*tipproċedix bil-prosekuzzjoni tal-azzjoni penali minkejja n-notitia criminis magħmula lilha. Dan joħrog ċar mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* **Adrian Busietta v. L-Avukat Generali et** *deċiża nhar it-13 ta' Marzu 2006."*

Senjatament u kontra l-argument imresssaq mir-rikorrenti fir-rikors promotur dwar il-livell ta' prova f'dawn il-proċeduri jkomppli illi

*"Il-livell ta' suffiċjenza probatorja provdut mill-Liġi stess lill-Qorti tal-Maġistrati f'dawn il-każijiet huwa li* **prima faciae** *jkun hemm bażi għall-prosegwiment tal-azzjoni penali. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati ssib li hemm* **prima faciae** *lok li tinbeda l-azzjoni penali kontra l-persuna inkriminanda allura tordna lill-Pulizija sabiex jipproċedu b'din l-azzjoni. Jiġifieri wieħed mill-eżamijiet li trid tagħmel dil-Qorti, (jekk mhux ukoll it-test prinċipali f'din il-proċedura) huwa li tara jekk il-Pulizija tkunx ibbażat id-deċizjoni tagħha ta' inerzja konsegwenti n-notitia criminis fuq raġunijiet ġustifikati jew le.*

*Dan l-eżami ta' sindakar da parti tal-Qorti almenu jeħtieġ*
*(i) skrutinju tal-elementi fil-pussess tal-Pulizija u li fuqhom tkun ibbażat id-deċiżjoni jekk tistitwix l-azzjoni penali o meno u (ii) tara jekk sal-grad* **prima faciae** *din id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kienetx ġustifikata jew le.*

*Fil-fehma ta' diversi Qrati Superjuri Maltin, bil-grad* **prima faciae** *il-Leġislatur ried jirrifletti grad ta' indaġini li ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell bħala "mal-ewwel daqqa t'ghajn".3 Il-Qorti Kriminali fil-każ* **Fl-Atti tar-Rikors Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija** *deċiż nhar it-23 ta' Settembru 2010 u li kien preċiżament jittratta każ tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali l-Imħallef Michael Mallia jgħid li għal dak li għandu x'jaqsam mal-grad* **prima faciae** *l-Qrati Maltin donnhom sabu t-triq tan-nofs bejn il-grad tal-possibbli u dak tal-probabbli u għalhekk "jekk il-Magistrat jidhirlu illi l-provi migbura quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta'* **prima faciae** *jigi milhuq u l-kawza tkun tista titkompla".*

Dan il-grad li trid il-liġi fil-proċedura ta' l'hekk imsejjaħ c*hallenge* lil Kummissarju ġie ripettutament ikkonfermat mill-Qorti Kriminali ara ukoll **Pulizija vs Giovanni Calcaterra**[10] u **Carmel u Helen konjugi Galea vs Kummissarju tal-Pulizija**[11] fost oħrajn.

Għaldaqstant applikati dawn il-prinċipji assodati fil-ġurisprudenża lokali, huwa għal kollox żbaljat ir-rikorrenti meta jpoġġi bħala bażi tal-l-ewwel lanjanza tiegħu l-fatt illi l-proċeduri ta' sfida huma lezivi tad-drittijiet tiegħu maħsuba taħt

[10] 27/02/2014
[11] 19/8/2004

l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni, għaliex il- Qorti li laqgħat it-talba ta' l-isfidant għamlet biss eżami ta' *prima facie* biex wasslet għal konklussjoni li tordna lil-Kummissarju li jressaq lir-rikorrenti biex jirrispondi għal kwerela, dennunzja jew rapport

**3.** Daqstant ieħor tqies ukoll illi r-rikorrenti kien żbaljat meta ġab bħala paragun sentenżi ta' vertenżi kostituzzjonali trattando l-istitut ta' kjamat in kawza, biex issaħħaħ it-teżi tiegħu li hu kellu jkun parteċipi fil-proċeduri ta' l-isfida, meta l-attakk tiegħu huma fuq proċeduri ta' indolu **għal kollox differenti**. Fil-fatt id-deċiżjonijet minnu ċitati fir-rikors promotur imorru biex isaħħu id-digriet fejn din il-Qorti laqgħat il-kjamata in kawza ta' Anthony Xuereb, li imbagħad ġie attakata **mill-istess rikorrenti b'appell,** pero sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali[12]. L-interess ġuridiku konstatat f'dawk is-sentenzi u oħrajn simili jirrigwardaw persuni li se jiġu direttament affetwati bid-deċiżjonijiet in kwistjoni anke jekk ma jirrispondux għal ilment eżaminat. Ad differenza ta' hekk, fil-proċeduri ta' sfida huwa biss u unikament il-Kummissarju tal-Pulizija li jkollu l-operat tiegħu taħt skrutinju u ħadd iżjed, u jirrispondi għalhekk. Fil-fatt kif irriżulta dawn il-proċeduri ġew ġustament mqabbla ma stħarrig ġudizzjarju pero f'ambitu kriminali. In-natura ta' dawn il-proċeduri ma jistgħu qatt jinvolvu ebda kjamat in kawza għax huwa fih innnifsu istitut aljen għalhekk.

**4.** Tant hu żbaljat ir-rikorrenti fl-argument tiegħu illi jinsa illi kieku il-liġi kienet tiprospetta dak li jsostni hu, li jipparteċipa b'xi mod attiv fil-proċedura ta' l-isfida, żgur u bla ebda dubbju li kienet tkun l-istess kelma tal-liġi li kienet tkun leżiva tad-drittijiet tiegħu, tad-dritt tas-silenzju, biex jiġġieled kif jippretendi hu l-kwerela jew rapport jew denunzja mressqa kontrih. Frankament anomalija grossolana u li ma tagħmel ebda sens legali aktar u aktar meta l-ilment imressaq hu preċiż dak ta' ksur ta' smiegħ xieraq. Forsi jkun għaqli l-istess rikorrenti jgħaraf il-pożizzjoni li kien jitqiegħed fiha kieku b'xi ereżija legali kien ammess biex jipparteċipa fil-proċeduri ta' sfida li jiġu konklużi kontrih, imbagħad b'idejh għal kollox mikxufa jmur jiddefendi l-akkuża kriminali mressqa kontrh konsegwenza ta' l-isfida. Jinsa d-dritt sagrosant ta' skiet fil-kamp penali fundamentali għal protezzjoni ta' kull akkuzat. Dritt li qiegħdu fil-pożizzjoni tant vantaġuża li jħalli l-onu iebes ta' prova ta' 'l hinn mid-dubbju ragonevoli nkombenti fuq il-prosekuzzjoni.

**5.** Ġia fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Lebrun**[13], għalkemm hawn il-Qorti Kostituzzjonali kienet qed titratta proċedimenti f'kumpilazzjoni, insibu lil Qorti espremiet hekk dwar il-kunċett ta' smiegħ xieraq fil-proċeduri ta' sfida nonostante li tali proċeduri jista' jwasslu għal proċedura kriminali kontra il-kwerelat/denunzjat.

---

[12] 49/18: 27/09/2019
[13] 9/02/2007: 16/2006!

*"Kemm il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kif ukoll l-Avukat Generali, bid-decizjonijiet taghhom, ma jkunux qed juzurpaw l-funzjoni tal-Qorti Kriminali jew tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Il-fatt li l-Avukat Generali ma jaqbilx mal-pozizzjoni li tkun hadet il-Qorti Istruttorja, ma jfissirx li l-kaz tal-akkuzat gie pregudikat. Ghalkemm id-decizjoni taghhom mhix wahda superficjali, tittiehed fuq bazi prima facie u ma torbotx idejn il-Qorti aditta bil-kaz. F'dan l-istadju ma jkun qed jigi deciz xejn fil-konfront tal-akkuzat, u l-pozizzjoni tieghu tibqa' impregjudikata sal-gudizju finali quddiem Qorti ohra; kull ma jsir f'dan l-istadju hu li tittiehed decizjoni unilaterali li jinfethu proceduri kriminali formali kontra l-persuna akkuzata. Bhal kull kawza civili jew process kriminali, xi hadd irid jiddeciedi finalment jinfethux jew le dawk il-proceduri, u l-fatt li, fil-kamp kriminali, il-ligi thalli d-decizjoni finali f'idejn l-Avukat Generali ma jfissirx li l-akkuzat mhux se jkollu smiegh xieraq (ara bhala rifless fuq dan il-punt id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Busietta vs Avukat Generali et", deciza fid-19 ta' Mejju, 2005, (konfermata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu, 2006)* ***fejn gie enuncjat l-inapplikabilita' tal-provedimenti tal-imsemmi artikolu 6 fil-kuntest ta' proceduri ta' sfida taht l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali, li wkoll tikontempla procedura intiza ghad-decizjoni biex jinbdew proceduri kriminali kontra persuna). "***

**6.** In kongunt ma dan l-argument naraw li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li *"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi..."* Minn naħa l-oħra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar *"Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti impazjali u indipendenti..."* M'hemmx dubbju li fil-kaz in eżami riżultat tal-proċeduri ta' l-isfida wasslu biex ir-rikorrenti jirċievi citazzjoni/avviż biex jirrispondi għal akkuzi hemm dedotti. Pero li jgħodd hu hekk il-proċeduri meħuda fl-isfida hijomx **deċiżivi għad-determinazzjoni ta' l-akkuza kriminali** sussegwenti biex jiġu in operat l-atikoli 6 u 39 ċitati, jew kieku kienu ta' natura ċivili kif jipretendi ukoll ir-rikorrenti, tad-drittijiet u obbligazzjonijiet tiegħu ċivili. *Sic et simplicitur* ir-risposta hija fin-negattiv

**7.** Għal iskop ta' dan l-eżami l-Qorti se terga tirreferi għad-deċizjoni fl-ismijiet **Adrian Busietta vs l-Avukat Ġenerali et**. fejn il-Qorti ta' l-ewwel instanza qalet dan:

*"Illi l-Qorti sejra issa tqis l-aspetti ta' dritt fil-mertu dwar l-ilmenti tar-rikorrent. Meta wieħed jiġi biex jifhem kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed*

*jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq*[14]*. B'mod partikolari, jekk fi stadju qabel ma nbeda l-proċediment kriminali, persuna suspettata saritilha interrogazzjoni u dan mingħajr ma kienet mgħejjuna minn avukat u minkejja li kienet għadha taħt l-eta', dan il-fatt waħdu ma tqiesx li kiser il-jedd ta' dik il-persuna għal smigħ xieraq,* ***meta ittieħed qies tal-proċess kollu meħud fil-konfront tagħha***[15]*, ukoll jekk fihom infushom dawk iż-żewġ ċirkostanzi normalment jitqiesu li jiksru l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni*[16]

*Illi dan qiegħed jingħad għaliex, fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jidħlu żewġ elementi ta' siwi fl-istħarriġ li għandu jsir dwar l-ilment tar-rikorrent. L-ewwel element huwa jekk jistax jingħad li l-ħarsien tal-jedd ta' smigħ xieraq japplika għall-proċedura maħsuba fl-artikolu 541 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. It-tieni element huwa jekk, f'każ li tali jedd japplika, jistax jitqies li seħħ ksur irrimedjabbli li jtebba' l-proċess kollu kriminali li jista' jsegwi ordni mogħti taħt l-istess artikolu, iżjed u iżjed meta – ex admissis u skond ma jintalab f'wieħed mir-rimedji invokati mir-rikorrent – il-proċeduri kriminali meħuda kontra r-rikorrent għadhom ma ntemmux u jinsabu weqfin, x'aktarx jistennew l-għeluq ta' din il-kawża;*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li t-tweġiba għaż-żewġ elementi hija fin-negattiv;*
*Illi dwar l-ewwel element, jibda biex jingħad li fil-proċeduri tal-Isfida taħt l-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ma tistħarriġx il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna li dwarha jsir ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela. F'dik il-proċedura, huma tnejn il-partijiet: il-parti rikorrenti li tkun ħassitha aggravata għaliex il-Pulizija ma tkunx ħadet passi kontra l-persuna kwerelata jew rapportata, u l-Kummissarju tal-Pulizija, in rappreżentanza tal-Korp tal-Pulizija, li jkun qiegħed jiġi sfidat biex jibda l-proċeduri kontra l-persuna kwerelata jew rapportata. Dik l-isfida tissarraf f'ordni tal-Qorti li tkun qieset jekk ir-rapport, il-kwerela jew id-denunzja jkollhomx ix-xamma ta' verita' jew possibilita' li bis-saħħa tagħha jistgħu jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-persuna hekk rapportata, denunzjata jew kwerelata. L-ordni tista' tkun kemm favur it-talba u kif ukoll biex tiċħadha, u l-liġi ssemmi wkoll proċedura kif ordni bħal dak jista' jiġi appellat*[17] *Fl-għoti ta' ordni mill-Qorti taħt l-imsemmi artikolu, ma jsir l-ebda apprezzament dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-persuna*

---

[14] Kost. **18.8.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulliċino vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.158,** a fol. **225**)
[15] Kost. **29.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lanzon et noe et vs Kummissarju tal-Pulizija***
[16] ECHR **6.6.2000** fil-kawża ***Averill vs U.K.*** (Applik. Nru. 36408/97) par. 43-5; u ECHR **6.6.2000** fil-kawża ***Magee vs U.K.*** (Applik. Nru. 28135/95) par. 41-4 (kawżi dwar l-inferenza negattiva mis-skiet tal-imputat)
[17] Art. 541(3) tal-Kap 9

*kwerelata, denunzjata jew rapportata: l-ordni jkun biss biex il-Pulizija tmexxi skond ir-rapport, denunzja jew il-kwerela li tkun saritilha. Anqas u anqas ikun sar xi ġudizzju dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-*parti *kwerelata, denunzjata jew rapportata;*

*Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika bissfejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta'* dak *il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-*persuna *akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-*artikolu 39 *tal-*Kostituzzjoni *la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti* Inkwirenti[18] *u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti* Istruttorja[19]*. Wisq anqas, għalhekk, jista' jidher li jista' jseħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq għall-finijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni waqt proċeduri meħuda taħt l-artikolu* 541 *tal-Kodiċi Kriminali;*

*Illi dwar l-applikabilita' tal-*artikolu 6 *tal-Konvenzjoni, huwa miżmum li dak l-artikolu japplika biss "when the applicant is charged with an offence; it does not extend to cases in which he brings a private prosecution in the enforcement of the criminal law"*[20]*. Għall-finijiet tal-Konvenzjoni, il-kelma "akkuża" għandha tifsira awtonoma*[21] *fis-sens "sostantiv" tagħha u mhux biss fit-tifsira formali*[22]*. Fi kliem ieħor, ingħad li tkun ħarġet akkuża meta "the official* notification *(is) given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence or some other act which carries the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect"*[23]*. Meta din it-tifsira titqabbel ma' x'ġara fil-każ preżenti, wieħed minnufih jasal biex jifhem għaliex ksur tal-*artikolu 6 *tal-Konvenzjoni bl-ebda mod ma jista' jissemma mir-*rikorrent *fl-istadju ta' dawk il-proċeduri tal-*Isfida *li minnhom qiegħed jilmenta;*

*Illi wkoll jekk wieħed kellu jqis il-garanzija minima mogħtija fl-*artikolu 6(3)(a) *tal-Konvenzjoni, hawnhekk ukoll isib li l-jedd li l-persuna tiġi mgħarrfa minnufih, f'ilsien li tifhem u fid-*dettal, *in-natura u r-raġuni tal-akkuża, tiddependi minn stadju fejn l-akkuża (kif imfissra hawn fuq) tkun diġa' nħarġet kontriha*[24]*. Qabel dak l-istadju, dik il-garanzija ma jkunx għad għandha sens u skop;*

---

17 P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali***

[19] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

[20] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 166

[21] ECHR **8.6.1976** fil-kawża ***Engel et vs The Netherlands*** (Applik. Nru. 5100/71), par. 81-2

[22] ECHR **27.2.1980** fil-kawża ***Deweer vs Belġju*** (Applik. Nru. 6903/75), par 42-6

[23] ECHR **10.12.1982** fil-kawża ***Corigliano vs Italja*** (Applik. Nru. 8304/78), par 34

[24] ECHR **19.12.1989** fil-kawża ***Brozicek vs Italja*** (Applik. Nru. 10964/84), par. 41

*Illi, b'żieda ma' dan, anke kieku kellu jitqies li l-Qorti tal-Maġistrati wettqet xi żball li ma ordnatx in-notifika lir-rikorrent jew id-dħul tiegħu fil-proċedura tal-Isfida, ma jistax jingħad li b'daqshekk huwa se' jkun ġarrab xi preġudizzju jew ħsara irrimedjabbli bil-fatt li tressqu akkużi fil-konfront tiegħu u bħalissa jinsab għaddej minn proċedura biex jitqies jew le jekk huwa jaħtix tal-imsemmija akkużi. Ingħad li mhux kull żball proċedurali fi proċeduri kriminali jġib bħala konsegwenza li ma kienx hemm smigħ xieraq. Biex wieħed jasal għal konklużjoni bħal din, żball bħal dak irid ikun tali li qiegħed lill-akkużat fi żvantaġġ b'mod li ma setax jiddefendi lilu nnifsu kif imiss u kif ukoll li żball bħal dak ikun "inċida b'mod sostanzjali biex l-akkużat ikun instab ħati"[25];*

*Illi, dwar it-tieni element, bilkemm għandu għalfejn jingħad li fil-konfront tar-rikorrent ma ngħatat l-ebda sentenza dwar il-ħtija jew nuqqas ta' ħtija tiegħu skond l-akkużi miġjuba kontrih. Ma ssemma xejn, tul it-trattazzjoni ta' dan il-każ, li l-proċeduri kif issa istitwiti jew pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra r-rikorrent jnaqqsu b'xi mod il-jeddijiet tar-rikorrenti biex jingħata smigħ xieraq. Ma ntwera bl-ebda mod – ħlief fuq livell astratt u għal kollox tejoretiku fir-Rikors u fin-Nota ta' Sottomissjonijiet (li huma replika ta' xulxin) – li dawk il-proċeduri qegħdin attwalment jiksru tali jedd jew huma milquta minn xi kundizzjoni irriversibbli u irrimedjabbli maħluqa mill-proċedura tal-Isfida;*

*Illi, jidher għalhekk li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent, fid-dawl tal-istadju mhux mitmum tal-proċeduri kriminali mressqin kontrih, hija waħda li ma saritx f'waqtha (intempestiva)[26] Ukoll taħt il-kejl li l-jedd ta' smigħ xieraq **jista'** (dejjem mingħajr ma jintesa li l-artikolu 6 jirrikjedi l-prova tal-"preġudizzju attwali") b'xi mod jiġi miksur minħabba l-fatt li r-rikorrenti ma ġiex notifikat bil-proċeduri tal-Isfida, ma ntwera bl-ebda mod li l-proċeduri kriminali pendenti kontrih jagħtu 'l wieħed x'jitħasseb li r-rikorrent mhux sejjer ikollu smigħ regolari xieraq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;"*

Għalkemm l-ilment fid-deċiżjoni appena ċitata jitratta nuqqas ta' notifika tal-proċeduri ta' sfida u l-attakk fuq il-proċeduri kriminali li segwew b'riżultat tagħha, is-suċitat isib applikabilita' għal vertenza in eżami għax fin *in fondo* il-lanjanza in kontestazzjoni bħal kwistjoni ta' notifika titratta ilment ta' nuqqas ta' parteċpiazzjoni fil-proċeduri tac-*challenge* għax il-liġi ma tesigix dan, irrelevanti ir-rikorrenti kienx jaf bl-istess jew le.[27]

---

[25] Kost. **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***

[26] Ara Kost. **29.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Lanzon et vs Kummissarju tal-Pulizija***, *supra*

[27] Għax fil-verita' għalkemm ir-rikorrenti donnu jimplika fir-rikors promotur li hu sar jaf bil-proċeduri ta' l-isfida qiesu b'kumbinazzjoni jirriżulta li hu kien ben konsapevoli ta' l-istess kif stqarr hu stess f'rikors fi proċeduri kontra Helen Katrina Milligen, ara dokument esebit mil-kjamat inn kawza Dok AX folio 123. Ukoll kif jirriżulta mix-xhieda ta' Anthony Xuereb mhux kontradetta li tul is-smiegħ tac-challenge ir-rikorrenti odjern kien anke presenti fl-Awla saħansitra ma gemb l-Ispettur. Folio 121F.

**8.** Il-Qorti Kostituzzjonali[28] kif ġia ingħad kkonfermat in-nuqqas ta' ksur kif sew ikkonkludiet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sede Kostituzjonali, qalet fir-rigward:

*"7. Issa, l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi li "Fid-decizjoni[29] ...ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi." (sottlinear ta' din il-Qorti). Is-subartikoli (2) u (3) tal-imsemmi Artikolu 6 jipprovdu minimum standards ghal min ikun "...akkuzat b'reat kriminali..." Hekk ukoll, is-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi." (sottolinear ta' din il-Qorti). Is-subartikoli (5) u (6) tal-imsemmi Artikolu 39 ukoll jipprovdu ghal minimum standards ghal min ikun "...akkuzat b'reat kriminali..." L-appellant jikkontendi illi, galadarba huwa ma kienx parti fil-procedura ta' sfida, li spiccat bid-decizjoni li l-inazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva ma kienetx gustifikata w allura fl-ordni biex il-Pulizija Ezekuttiva – il-Kummissarju tal-Pulizija – jistitwixxi proceduri kriminali kontra tieghu, gie lez id-dritt fundamentali tieghu ta' smigh xieraq protett biz-zewg disposizzjonijiet (6 u 39) aktar 'l fuq indikati.*
*8. Din il-Qorti ezaminat id-diversi sentenzi li ghalihom ghamel referenza r-rikorrent appellant kemm fir-rikors promotorju tieghu kif ukoll fir-rikors ta' appell, izda ma tarax li dawna jghinu wisq ghad-determinazzjoni tal-vertenza odjerna. Jibda biex jinghad li wiehed irid joqghod attent, qabel ma jestrapola bran minn sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jipprova japplikah ghal kaz konkret, li jara li dak il-bran ikun verament jattalja ruhu ghall-fatti partikolari li jkollu quddiemu, u mhux dak il-bran jigi kkwotat fl-arja bhallikieku johloq xi principju ta' applikazzjoni generali. Hekk, per ezempju, kemm fir-rikors promotorju kif ukoll fir-rikors ta' appell, l-appellant irrefera ghas-sentenza tal-Qorti ta' Strasbourg fl-ismijiet* ***Eckle v. Germany***[30]*. Huwa minnu li f'dik is-sentenza jinghad, inter alia, hekk:*

***"'Charge', for the purposes of Article 6 par. 1 (art. 6-1), may be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', a definition that also corresponds to the test whether 'the situation of the [suspect] has been substantially affected' (see the above-mentioned Deweer judgment, p. 24, par. 46)."***[31]

[28] 13/03/2006:Rikors 29/2003/1
[29] "In the determination ......." fit-test Ingliż
[30] Deċiża fil-15 ta' Lulju, 1982
[31] Par.73

*U fil-kaz* ***Foti and others v. Italy***[32]*32 -- ghal-liema sentenza l-appellant jaghmel referenza biss b'mod indirett billi jikkwota minn pagna 143 ta'* ***Jacobs and White: The European Convention on Human Rights***[33] *-- jinghad hekk:*
***"Whilst 'charge', for the purposes of Article 6 § 1 (art. 6-1), may in general be defined as 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence', it may in some instances take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, inter alia, the Eckle judgment of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73)."***[34]

*F'dawn iz-zewg kazijiet, pero`, il-kwistjoni li kellha tiddetermina dik il-Qorti kienet minn meta kellu wiehed iqis li bdew il-proceduri kriminali sabiex jigi determinat jekk dawn hadux zmien ragonevoli o meno; u fiz-zewg kazijiet il-Qorti ta' Strasbourg hadet il-linja li dawn il-proceduri kienu bdew minn meta sehhet xi haga mill-awtorita` kompetenti li kienet sostanzjalment affetwat il-posizzjoni tar-rikorrenti. Anke, pero`, jekk wiehed kellu japplika tale quale il-principji enuncjali f'dawn iz-zewg brani ghall-kaz in dizamina, sad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' April 2002 moghtija fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija li l-inazzjoni tieghu ma kienitx gustifikata, zgur li ma kien ghadu sar xejn mill-awtorita` kompetenti – il-Pulizija Ezekuttiva, ghax hija din biss l-awtorita` kompetenti li tinizja proceduri penali kontra xi persuna, salv dak li nghad aktar 'il fuq fir-rigward ta' prosekuzzjonijiet privati – li jista' jinghad li affettwat sostanzjalment il-posizzjoni tar-rikorrent odjern Busietta. Il-posizzjoni tieghu giet affettwata biss mill-awtorita` kompetenti fid-29 ta' Jannar 2003 meta huwa tressaq akkuzat quddiem il-Qorti Istruttorja (jew, jekk hu tressaq b'citazzjoni flok b'arrest, min-notifika tac-citazzjoni). Huwa veru li fil-kors ta' investigazzjoni minn awtorita` kompetenti – ez. il-Magistrat fil-kors ta' inkjesta dwar l-in genere*[35] *– jistghu javveraw ruhhom cirkostanzi li jeffettwaw sostanzjalment il-posizzjoni ta' dak li jkun b'mod li jkun jista' jinghad li certi, mhux neccessarjament kollha, minimum standards jibdew japplikaw minn dak il-hin: bhal, per ezempju, meta jittiehdu l-impronti digitali ta' persuna indizjata taht l-Artikolu 554(2) tal-Kodici Kriminali*[36]*. Fil-kaz odjern, pero`, din il-Qorti ma tarax kif id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tat-18 ta' April 2002 jista' jinghad li hija decizjoni ta' awtorita` kompetenti in materja ta' prosekuzzjoni li sostanzjalment affetwat il-posizzjoni ta' Busietta qabel ma dan effettivament tressaq akkuzat kif inghad. Bl-istess mod, u kieku l-fatti avveraw ruhhom bil-kontra, jista' jinghad li s-semplici decizjoni tal-Pulizija Ezekuttiva, wara li tkun investigat il-kaz, li jittiehdu proceduri kriminali kontra Busietta (fil-prattika*

---

[32] Deċiża fl-10 ta' Diċembru,1982.
[33] OUP 3nd ed.
[34] Par. 52
[35] Fil-kaz in diżamina ma jirriżultax li kien hemm inkjesta dwar l-*in genere*
[36] Ara f'dan is-sens il-puliżija vs Longinu Aquilina, Qorti Kostituzzjonali 23 ta' Jannar 1992.

*normalment decizjoni li tittiehed mill-ufficjal investigattiv bi qbil ma' xi superjur tieghu) ma kienitx tkun per se decizjoni li taffettwa sostanzjalment il-posizzjoni tieghu b'mod li tammonta ghal "a criminal charge", qabel ma tali akkuza tkun giet formalment notifikata lilu, qabel jew mal-presentata tieghu fil-Qorti.*

*9 Il-fehma ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward hija konfortata minn dak li jghidu l-awturi in materja. Hekk Harris, O'Boyle u Warbrick*[37]*:*
***"Article 6(1) applies only when the applicant is charged with an offence, it does not extend to cases in which he brings a private prosecution in the enforecement of the criminal law. Nor does Article 6(1) apply just because the applicant's property is affected by a criminal charge against a third party. It also does not apply to proceedings that may result in the applicant being placed under police supervision with a view to the prevention of crime. Finally Article 6 does not apply to extradition proceedings…Like the word 'criminal', 'charge' has an autonomous Convention meaning. It is 'the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence' or some other act which carries 'the implication of such an allegation and which likewise substantially affects the situation of the suspect'. 'Charge', however, is to be given a 'substantive', not a 'formal', meaning, so that it is necessary 'to look behind the appearances and investigate the realities of the procedure in question'. When doing so, the test is whether the applicant is 'substantially affected' by the steps taken against him. In practice, a person has been found to be subject to a 'charge' when arrested for a criminal offence; when officially informed of the prosecution against him; when, in a civil law system, a preliminary investigation has been opened in his case and although not under arrest, the applicant has 'officially learnt of the investigation or begun to be affected by it'; when authorities investigating customs offences require a person to produce evidence and freeze his bank account; when his shop has been closed pending the payment of a sum by way of friendly settlement or the outcome of criminal proceedings that would be instituted if the sum were not paid; and when the applicant has appointed a defence lawyer after the opening of a file by the public prosecutor's office following a police report against him. In the case of an MP with parliamentary immunity, the relevant date was that on which the prosecuting authorities requested parliament to lift the immunity."***[38]

*10. Fil-kaz in dizamina, kif diga` rajna, l-awtorita` kompetenti addirittura irrifjutat li tagixxi kontra r-rikorrent odjern – Busietta – u l-procedura bil-Qorti ittiehdet kontra l-Kummissarju tal-Pulizija mill-kwerelanti (Abela) biex huma juru li dan (il-Kummissarji) kien qed jagixxi hazin meta iddecieda li ma jipprocedix kontra l-imsemmi Busietta. Il-procedura ta' l-isfida per se, ghalhekk,*

[37] ***Law of the European Convention on Human Rights,*** Butterworths (London), 1995
[38] Pp 166-167, 171-172

*b'ebda mod ma tista' tinghad li hija xi procedura, mehuda mill-awtorita` kompetenti li tmexxi l-prosekuzzjoni, li sostanzjalment taffettwa l-posizzjoni ta' min eventwalment jista' jigi akkuzat bir-reat kwerelat, denunzjat jew rappurtat b'mod li mal-bidu taghha jkun hemm "akkuza kriminali" kontra dik il-persuna ghall-finijiet ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. U ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif din il-procedura jista' jinghad li cahdet b'xi mod lill-appellant mid-dritt tieghu ta' smigh xieraq, dritt li din il-Qorti tifhem li kien u ghadu veljanti fir-rigward tal-proceduri penali inizjati fil-konfront tieghu fid-29 ta' Jannar 2003.*

*11. Pero` anke li kieku wiehed kellu, ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, ighid li l-procedura ta' sfida inizjati mill-ahwa Abela kontra l-Kummissarju tal-Pulizija kienu jammontaw ghal proceduri ghad-"decizjoni…ta' xi akkuza kriminali" fl-konfront tar-rikorrent appellant Adrian Busietta, mill-provi kemm quddiem il-Prim Awla f'dawn il-proceduri kostituzzjonali kif ukoll minn dawk migjuba fil-kors tal-procedura ta' sfida, jirrizulta bic-car li l-imsemmi Busietta kien al korrenti ta' din il-procedura ta' sfida, u li ma kien hemm xejn xi jzommu milli, kieku ried, jiehu sehem fiha, ankorke` indirettament, billi jassisti lill-Kummissarju tal-Pulizija (l-intimat f'dik il-procedura). Huwa veru li huwa qatt ma gie formalment infurmat bil-procedura – ara l-affidavit tieghu tas-26 ta' Jannar 2004, fol. 37 – pero` zewg avukati li kienu jagixxu a nom tieghu f'kwazi civili u kriminali – l-Avukat Dott. Anthony Ellul u l-Avukat Dott. Frank X. Cassar – mhux biss kienu jafu b'din il-procedura imma wiehed minnhom (Dott. Ellul) xehed fil-procedura ta' sfida, filwaqt li l-iehor kien f'kuntatt ma' l-ispettur Alexandra Farrugia Mamo dwar l-istess procedura ta' sfid"*

…

*"Formali jew informali, Busietta kien jaf b'dik il-procedura ta' sfida u ghalhekk kieku verament haseb li dik il-procedura setghet tippregudikah, huwa kellu l-possibilita` kollha li jassisti lill-ispettur Farrugia Mamo biex jittutela l-interessi tieghu. Minn dan kollu ma ghamel xejn, u issa qed jippretendi, b'interpretazzjoni "sostantiva" u mhux "formalistika" ta' x'jammonta ghal "akkuza kriminali", li din il-Qorti ssib li gew lezi d-drittijiet tieghu kif protetti bl-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. F'dan is-sens, it-talbiet tar-rikorrent appellant jirrazentaw il-fieragh.*

*12. Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' dana l-appell jithallsu mill-appellant Busietta."*

**9.** Isib ukoll ta' relevanza l-konoxxenza, mhux ikkontestata tar-rikorrenti, dwar il-proċeduri ta' sfida tul il-kors ta' l-istess (ara ukoll footnote 9) għax kif ben

ikkommentaw il-mixlija f'dawn il-proċeduri, nonostante ċioe', baqa' għal kollox passiv għal istess u **kien biss issa rinfaċċat bi proċeduri kriminali** wara d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell, li konvenjentement għażel li jressaq l-allegazzjonijiet tal-ksur hawn investigat. Bla dubbju d-deċiżjoni ta' din il-Qorti taffettwa mhux ftit l-andament tal-proċeduri kriminali li llum jinsabu sospiżi pendenti l-eżitu ta' dawn il-proceduri.

**10.** Isib lir-rikorrenti huwa żbaljat ukoll in kwantu għas-sentenzi minnu riferuti u ċitati fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, għax fil-verita li għamel hu li rrefera għal brani li huma misluta mill-kuntest tagħhom għax konvenjenti għal argument tiegħu.

Tara li jirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Dr.Simon Busutill vs l-Avukat Ġenerali,** deċiżjoni li titratta akkużat u d-drittijiet tiegħu sanċiti fil-kostituzzjoni ( artikolu 39) inkluż proċeduri li setgħu saru qabel l-akkużi formali li jistgħu jinċidu fuq il-proċeduri konsegwenti. Din id-deċiżjoni għalhekk ma ssibx applikazzjoni fil-kaz odjern. Kif ġia ġie affermat hawn non si tratta ta' proċeduri anteċedenti għal akkuzi formali, **anżi** dawn huma propju proċeduri li jindagaw għala ma nbdewx proċeduri kriminali u ma jinvolvu bl-ebda mod lir-rikorrenti, eżattament kif akkuzat futur ma jkunx involut f'investigazzjoni tal-puliżija li jippreċedu l-arrest tiegħu, għalhekk proċeduri li fi kliem il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja jkunu tali li *"substiantially effect the suspect",* imbagħad tiskatta l-protezzjoni msemmija fl-artikoli kostituzjonali u konvenzjonali. L-istess tista tgħid għal sentenza oħra msemmija **Imboscia vs Switzerland** li titratta ukoll fuq *pre-trial proceedings* li għar-ragunijiet ġia esposti ma huma bl-ebda mod simili, komparabbli jew konessi ma sfida lil Kummissarju li hija proċedura li tinvestiga l-operat ta' dan ta' l-aħħar **biss.**

Jiċita ukoll bran mid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja ta' Strasburgu **Van Fernandez Huidobino vs Spain**, pero meta wieħed jaqra din l-istess deċiżjoni huwa aktar minn ovvju li din titratta dwar l-applikabbilta' ta' l-artikolu 6 fi proċeduri mexxija mill *"juge di instruction"* , ingħad;

*"111. Toutefois, dans la mesure où les actes accomplis par le juge d'instruction influent directement et inéluctablement sur la conduite et, dès lors, sur l'équité de la procédure ultérieure, y compris le procès proprement dit, la Cour estime que, même si certaines des garanties procédurales envisagées par l'article 6 § 1 de la Convention peuvent ne pas s'appliquer au stade de l'instruction, les exigences du droit à un procès équitable au sens large impliquent nécessairement que le juge d'instruction soit impartial (voir, mutatis mutandis, Micallef c. Malte [GC], no 17056/06, § 86, 15 octobre 2009). Elle a par ailleurs souligné l'importance du stade de l'enquête pour la préparation du procès, dans la mesure où les preuves obtenues durant cette phase déterminent*

*le cadre dans lequel l'infraction imputée sera examinée au procès (Can c. Autriche, no 9300/81, rapport de la Commission du 12 juillet 1984, § 50, série A no 96).*

*112. A ce propos, la Cour observe que le droit espagnol exige par ailleurs que le juge d'instruction, chargé d'instruire tant à charge qu'à décharge, réponde à des critères d'impartialité. Par son système de garantie collective des droits qu'elle consacre, la Convention vient renforcer, conformément au principe de subsidiarité, la protection qui en est offerte au niveau national (Parti communiste unifié de Turquie et autres c. Turquie, arrêt du 30 janvier 1998, § 28, Recueil 1998-I), conformément à son article 53.*

*113. La Cour relève à cet égard que le Tribunal constitutionnel a reconnu dans son arrêt que le juge d'instruction est, d'une part le directeur de l'instruction et, d'autre part, un juge des garanties ; l'adoption par le juge d'instruction de certaines mesures provisoires qui affectent les droits fondamentaux de la personne soumise à une instruction pénale requiert que ce juge, comme tout autre juge, soit objectivement et subjectivement impartial. Cette question est d'autant plus importante en l'espèce que, d'une part, le juge central d'instruction no 5 plaça le requérant en détention provisoire sans caution et que, d'autre part, le requérant a été jugé et condamné en seule et unique instance par le Tribunal suprême."*

Mill-qari ta' dan il-bran **huwa lampanti** lil proċeduri ta' l-isfida kif kondotta minn Magistrat ma taf xejn mill-funzjonijiet tal *juge d'instruction* li fil-kuntest ġudizzjarju nostrali jqarreb lejn il-funzjoni ta' Magistrat Istruttorju, għalhekk żgur mhux il-kaz tal-Magistrat fil-kompetenza tiegħu ta' Ġudikatur ta' Qorti Kriminali li jisma' u jideċidi l-isfida, funzjoni ferm il-bogħod minn dik maħsuba fi proċedura ta' kumpilazzjoni.

**11.** Ma tistax ukoll il-Qorti ma tikkumentax fuq l-assimilazzjoni li jagħmel ir-rikorrenti tal-proċedura ta' l-isfida u dak li kkonstatat il-Qorti Ewropeja fid-deċiżjoni ta' **Gorou vs Greece**[39]**,** għax qiegħed ukoll il-proċedura ta' sfida fuq livell ta' natura ċivili, allura jinvoka l-artikolu 6 minn lat ta' dak li kommunament huwa msejjaħ ic-*civil limb* tiegħu. Għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jammetti l-vera natura tal-proċedura ta' l-isfida, dik ta' stħarrig, pero jżid li din tolqotlu d-dritt tiegħu sanċit fl-artikolu 6 in kwantu taffettwalu d-dritt ċivili tiegħu għar-reputazzjoni tajba, issa milquta u mtabba' bil-proċeduri tac-*challenge* in vista tal-fatt li ma tħallix jiddefendi lilu nnifsu fl-istess.

[39] Application no. 126 86/03: GC 20/03/2009

Fl-ewwel lok għandu jiġi rilevat lid-deċiżjoni msemmija ta' **Gorou** għalkemm vera ssib ksur ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, imma tagħmel dan in vista tat-tul taż-żmien tal-proċeduri. Ksur aljen għal vertenza in eżami.

Isir ukoll referenza għan-notamanti maħruga mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem[40] il-**Guide on Article 6 of the European Convention of Human Rights ; Right to a Fair Trial; Civil Limb**, fejn ġie spjegat dan fuq l-applikazzjoni ta' l-artikolu 6 fir-rigward tad-dritt ċivili għar-reputazzjoni:

*"Article 6 likewise does not apply to reports on an investigation aimed at ascertaining and recording facts which might subsequently be used as a basis for action by other competent authorities – prosecuting, regulatory, disciplinary or even legislative (**even if the reports may have damaged the reputation of the persons concerned)**[41] (Fayed v. the United Kingdom, 1994, § 61). 6. The "dispute" must be genuine and of a serious nature"*

...

*"56. Article 6 § 1 is also applicable to a civil-party complaint in criminal proceedings (Perez v. France [GC], 2004, §§ 70-71), except in the case of a civil action brought purely to obtain private vengeance or for punitive purposes (Sigalas v. Greece, 2005, § 29; Mihova v. Italy (dec.), 2010). Indeed, the Convention does not confer any right, as such, to have third parties prosecuted or sentenced for a criminal offence (see also Mustafa Tunç and Fecire Tunç v. Turkey [GC], 2015, § 218). **To fall within the scope of the Convention, such a right must be indissociable from the victim's exercise of a right to bring civil proceedings in domestic law**[42] (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], 2019, §§ 188 and 194), even if only to secure symbolic reparation or to protect a civil right such as the right to a "good reputation" (Perez v. France [GC], 2004, § 70; see also, regarding a symbolic award, Gorou v. Greece (no. 2) [GC], 2009, § 24).Therefore, Article 6 applies to proceedings involving civil-party complaints from the moment the complainant is joined as a civil party, including during the preliminary investigation stage taken on its own (Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], 2019, § 207), unless he or she has unequivocally waived the right to reparation (Arnoldi v. Italy, 2017, § 43), and as long as the criminal proceedings are decisive for the civil right to compensation that is being asserted (Alexandrescu and Others v. Romania, 2015, § 22, concerning the right of victims to know the truth about mass violations of fundamental rights)"*

---

[40] Updated 20 April, 2022
[41] Li mhux il-kaz fil-proċeduri ta' l-isfida.
[42] Enfasi tal-Qorti.għal Qorti Suprema Fraċiża

Huwa ċar mill qari ta' din l-ispjegazzjoni li l-artikolu 6 jista jiġi ukoll ngaġġat għal dak li jirrigwarda r-reputazzjoni ta' persuna milquta minn proċeduri kriminali. Dan ikun applikabbli għal parte ċivili fl-stess u sussegwenti għal-istess, f'kaz ta' tfitxxija ta' danni. Qajla jagħmel sens l-argument tar-rikorrenti għax kieku ebda tali proċedura ma tinġib għax l-isfidant jibqa' dejjem sugget għal biża' ta' proċedura ta' danni da parti tal-kwerelat. B'dan lil Qorti mhux qed teskludi li akkuzat li jiġi sussegwentement liberat ma jkollux dritt ta' rivalsa għad-danni imma dan il-fatt ma jqiegħedx l-artikolu 6 operabbli fil-proċeduri ta' l-isfida.

**12.** Referenza isir ukoll għal deċiżjoni li ngħatat riċentement mill-Qorti Ewropeja ta' Strasburgu fi f'kaz notorju u li laqgħat lid-dinja kollha minħabba l-avenimenti t-traġiki u emmożjonali li nvolva[43] fl-ismijiet **Affaire Mccann et Healy vs Portugal** [44] fejn intqal:

*"Dans ses arrêts [45]du 31 janvier 2017 et du 27 mars 2017, elle a alors relevé que l'abandon des poursuites contre les requérants avait été consécutif non pas à un constat d'innocence mais à une absence de preuves concluantes au regard de l'article 277 § 2 du CPP (paragraphe 61 ci-dessus) et que, dans de telles circonstances, l'enquête pénale pouvait être à tout moment rouverte si des preuves déterminantes étaient recueillies (paragraphes 54 et 58 ci-dessus voir aussi les principes exposés au paragraphe 44 de l'arrêt* Bikas c. Allemagne *(no 76607/13, 25 janvier 2018)).*

*111. Au demeurant, à supposer même que l'article 6 § 2 de la Convention fût applicable à la procédure civile en cause en l'espèce, il n'apparaît pas que, dans ses arrêts du 31 janvier 2017 et du 27 mars 2017, la Cour suprême ait formulé des commentaires suggérant une quelconque culpabilité des requérants ou même des soupçons à leur égard concernant les circonstances de la disparition de leur fille (voir, Allen, précité, § 122 et comparer avec O'Neill c. Royaume-Uni (déc.), no 14541/15, §§ 37-39, 8 janvier 2019).*

*112. Eu égard à ces constatations, la Cour conclut que le grief des requérants reposant sur l'article 6 § 2 de la Convention à raison de la motivation des arrêts de la Cour suprême est manifestement mal fondé au sens de l'article 35 § 3 a) de la Convention et, comme tel, irrecevable. Il convient donc de le rejeter en application de l'article 35 §§ 3 et 4 de la Convention."*

Fl-ewwel lok jinħtieġ jingħad li hawn l-applikanti kienu qed jargumentaw lid-dritt tagħhom ta' presunzjoni ta' innoċenza sanċit fl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja kien mitiefes u konsegwentement r-reputazzjoni tagħhom, meta x-prosekutur/investigatur fil-kaz ta' l-għejbien ta' binthom ippubblika kitbiet u ppartecipa f' dokumentarji li wasslu biex jippuntaw lejn il-ħtija tagħhom fl-għelt

[43] L-għejbien traġiku u misterjuż taċ-ċkejjna Madaleine Mccann
[44] Requete No. 57195/17: 20/09/2022
[45] Hawn kien qed isir referenza għal Qorti Franċiża Suprema.

imsemmi ibbażat ukoll fuq kummenti u konkluzzjoni li intqalu u ttieħdet mill-Qorti Franċiża.

L-argument tal-Qorti Ewropeja ssib applikazzjoni fl-eżami odjern għax fil-fatt ippuntwaliżżat li dak li għamlet il-Qorti Suprema Franċiża kien li qalet li kontra il-konjugi Mccann kienu twaffqu il-proċeduri għax ma kienx hemm evidenza/provi biżżejjed, u li setgħu fil-kaz li dawn javerixxu ruħhom jirrinfaċċaw aktar investigazzjonijiet[46], pero qatt ma kkumentat fuq il-ħtija o meno tagħhom. Preċisament dak li jiġri fil-proċedura ta' l-isfida fejn il-Qorti tal-Magistrati ta' Ġudikatura Kriminali qatt u qatt ma tistabilixxi ħtijiet jew imqarr tikkumenta fuq ħtijiet, wisq aktar ma jagħmel dan il-kwerelant, konsegwentement ma jista' qatt jiġu mtiefsa xi dritt ta' reptuazzjoni kif jippretendi r-rikorrent. 'L -hekk imsejjħa *notitia criminis* tkun hawn qegħda tiġi valutata mill-elementi formali tagħha kif jirriżultaw mad-daqqa t'għajn u għalhekk ebda ħtija jew implikazzjoni għalhekk ma tista tiġi dedotta.

Il-proċeduri ta' l-isfida fin-natura ntinsika tagħhom ma jwasslu qatt biex b'xi mod jolqtu d-drittijiet tal-futur akkuzat .

**13.** Il-proċeduri tac-*challenge* hija fil-fatt għal kollox aljeni u nkonnessa mal-proċedura aktar formali fejn jitressqu akkuzi kriminali propji kontra l-individwu. Fihom innifshom ma jitrattawx ma akkuzat, allura l-elementi ta' smiegħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 6 ; id-dritt tal-presunzjoni ta' l-innoċenza, l-operat ta' ċertu prinċipji ta' evidenza, id-dritt tas-silenzju, il-piż ta' l-onu tal-prova u elementi oħra ta' protezzjoni kontra proċeduri arbitrarji u ta' pregudizzju għal akkuzat ma jidħlux in operat hawn. Dan ma jfissirx li m'hemmx in operat protezzjonijiet proċedurali kostituzzjonali u konvenzjonali f'dawn il-proeduri imma mhux kif jippretendi r-rikorrenti li jolqtu lilu. .

**14.** Inevitabilment salv ordni fil-kontra, proċedura ta' sfida hija waħda ta' natura pubblika, ir-rikorrenti jinkwieta minħabba ir-reputazzjoni tiegħu għax igħid li bħala avukat hu bniedem magħruf bil-konsegwenza għal ħsara li setgħet sarritlu professjonalment f'dawk il-proċeduri. Jiġi mfakkar li hu x'inhu l-inkwiet tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, l-Qorti tagħmel biss eżami fuq bażi tal-probabbli, u qatt ma tiddikjara ruħha kontra l-kwerelat. Din il-Qorti li kellha l-opportunita' li tiddeċidi tali proċeduri tmur oltre u tgħid li jekk xejn dawn il-proċeduri aktar jwasslu għal twiddiba lejn l-operat tal-puliżija milli b'xi mod lejn l-operat tal-futur kwerelat.Vera li fil-kors tal-proċeduri jinstemgħu allegazzjonijiet da parti tal-kwerelant, imma dawn jibqgħu ta' tali natura u ma jistabilixxu ebda fatt, ħtija jew impront negattiv fuq il-futur kwerelat. Għalhekk ir-reputazzjoni tal-futur

[46] Tqarreb deċiżjoni bħal din għal *discharge* moghti mill-Maġistrat Istruttur f'għeluq inkjesta ara artikolu 401(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

kwerelat jekk il-proċeduri isibu suċċċess, għal mingħandu ftit bon sens, jibqgħu intatti. Sfortunatament fil-verita' lanqas akkuzat innifsu, mogħni b'kull dritt sanċit taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma hu ħieles minn spekulazzjonijiet u konġuri, pero fejn hu meħtieg u *finche* jitratta proċeduri ġudizzjarji l-applikazzjoni ta' l-artikolu 6 huwa mħaddan fit-totalita' tiegħu.

**15** .Referenza ssir mill-gdid għan-notamenti maħruga mill-Kunsill Ewropew bl-isem. "**Guide on Article 8 of the Convention on Human Rights** "[47] li jitratta dwar l-istħarrig ta' l-artikolu 8, llum eżaminat ukoll mill-lat ta' l-aspettativa tar-reputazzjoni, mat-tħaddin ta' l-artikolu 6.

***" 6 (right to a fair trial)3***

*39. The procedural aspect of Article 8 is closely linked to the rights and interests protected by Article 6 of the Convention. Article 6 affords a procedural safeguard, namely the "right to a court" in the determination of one's "civil rights and obligations", whereas the procedural requirement of Article 8 does not only cover administrative procedures as well as judicial proceedings, but it is also ancillary to the wider purpose of ensuring proper respect for, inter alia, family life (Tapia Gasca and D. v. Spain, §§ 111-113; Bianchi v. Switzerland, § 112; McMichael v. the United Kingdom, § 91; B. v. the United Kingdom, §§ 63-65; Golder v. the United Kingdom, § 36).* ***While Article 8 contains no explicit procedural requirements, the decision-making process involved in measures of interference must be fair and ensure due respect for the interests safeguarded by Article 8*** *(Fernández Martínez v. Spain [GC], § 147). The difference between the purpose pursued by the respective safeguards afforded by Articles 6 and 8 may, in the light of the particular circumstances, justify the examination of the same set of facts under both Articles (compare O. v. the United Kingdom, §§ 65-67; Golder v. the United Kingdom, §§ 41-45; Macready v. the Czech Republic, § 41; Bianchi v. Switzerland, § 113), even if viewing the procedures from the perspective of a different Article cannot lead to a different conclusion (Jallow v. Norway, § 75).*

*40. However, in some cases where family life is at stake and the applicants invoked Articles 6 and 8, the Court has decided to examine the facts solely under Article 8 (see, for instance, T.C. v. Italy, § 53). According to the Court, the procedural aspect of Article 8 requires the decision-making process leading to measures of interference to be fair and to afford due respect to the interests safeguarded by the Article (Soares de Melo v. Portugal, § 65; Santos Nunes v. Portugal, § 56; Havelka and Others v. the Czech Republic, §§ 34-35; Wallová and Walla v. the Czech Republic, § 47; Kutzner v. Germany, § 56; McMichael v.*

[47] Updated 11/08/2022.

*the United Kingdom, § 87; and Mehmet Ulusoy and Others v. Turkey, § 109). Therefore, the Court may also have regard, under Article 8, to the form and length of the decision-making process (T.C. v. Italy, § 57; Macready v. the Czech Republic, § 41; and for special attention and priority treatment called for in the context of sexual abuse in order to ensure the protection of the child, see N.Ç. v. Turkey). Also, the State has to take all appropriate measures to reunite parents and children (Santos Nunes v. Portugal, § 56).*

*41. For example, whether a case has been heard within a reasonable time – as is required by Article 6 § 1 of the Convention – also forms part of the procedural requirements implicit in Article 8 (Ribić v. Croatia, § 92). Also, the Court has examined a complaint about the failure to enforce a decision concerning the applicants' right to have contact only under Article 8 (Mitovi v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, § 49). Likewise, the Court decided to examine under Article 8 solely the inactivity and lack of diligence of the State and the excessive length of the proceedings for the execution of the decision to grant the applicant the custody of the child (Santos Nunes v. Portugal, §§ 54-56).*

*42. Moreover, in several cases where a close link was found between the complaints raised under Article 6 and Article 8, the Court has considered the complaint under Article 6 as being part of the complaint under Article 8 (Anghel v. Italy, § 69; Diamante and Pelliccioni v. San Marino, § 151; Kutzner v. Germany, § 57; Labita v. Italy [GC], § 187). In G.B. v. Lithuania, the Court did not consider it necessary to examine separately whether there had been a violation of Article 6 § 1 given that the Court had found that the applicant's procedural rights had been respected when examining her complaints under Article 8 (§ 113). In S.W. v. the United Kingdom, the Court found no need to give a separate ruling on the admissibility and merits of the complaint under Article 6 § 1 since it had already examined, from the standpoint of Article 8, the applicant's complaint about a violation of her procedural rights affecting her right to respect for her private life (§ 78).*

*43. In Y. v. Slovenia, the Court examined whether the domestic trial court struck a proper balance between the protection of the applicant's right to respect for private life and personal integrity and the defence rights of the accused where the applicant had been cross-examined by the accused during criminal proceedings concerning alleged sexual assaults (§§ 114-116). López Ribalda and Others v. Spain [GC] addressed the question whether the use in evidence of information obtained in violation of Article 8 or of domestic law rendered a trial as a whole unfair, contrary to Article 6 (§§ 149-152).*

*...*

*45. It the case of Altay v. Turkey (no. 2), §§ 47-52 and § 56, the Court's view of the nature of the lawyer-client relationship – which falls within the scope of "private life" - weighed heavily in its assessment of whether the proceedings in which the applicant challenged the restriction on his right to communicate in confidentiality with his lawyer in prison were governed by the "civil" limb of Article 6 (§ 68). However, a conclusion in favour of the applicability of Article 6 § 1 under its civil head does not automatically bring the issue into the ambit of Article 8 (Ballıktaş Bingöllü v. Turkey, §§ 60-61)."*

Insibu ukoll fil-**Factsheet -Protection of reputation**[48]

*"... [T]he right to protection of reputation is a right which is protected by Article 8 of the Convention as part of the right to respect for private life ... In order for Article 8 to come into play, however, an attack on a person's reputation must attain a certain level of seriousness and in a manner causing prejudice to personal enjoyment of the right to respect for private life ... The Court has held, moreover, that Article 8 cannot be relied on in order to complain of a loss of reputation which is the foreseeable consequence of one's own actions such as, for example, the commission of a criminal offence ... "*

Fil-fehma tal-Qorti fil-proċedura ta' l-isfida bażi ta' din il-vertenza ma ntleħħaq ebda livell ta' aggravju li kien tali u serju li affettwa lir-rikorrenti kif ċitat. Ukoll li kull ma okkorra s'issa proċeduralment kien għal kollox *forseeable* u prevedibbli fil-konsegwenza tiegħu għar-rikorrenti b'tali mod li ma ġie rekat lilu ebda preġudizzju.

In kwantu l-Qorti tqies u żżomm ferm li ebda aspett ta' l-artikolu 6 ma ġie b'xi mod imxellef fil-proċerduri ta' sfida fir-rigward tar-rikorrenti, ma tarax kif tenut dak appena ċitat, li huwa soffra xi ksur ta'reputazzjoni jew ta' xi dritt sanċit taħt l-artikolu 8, la fuq bażi personali jew wisq anqas professjonali. Jerga jiġi ritenut lil proċeduri in attakk kienu diretti biss lejn il-Kummissarju tal-Pulizija u qatt lejn ir-rikorrenti, konsegwentement ma tiskattax in-neċessita' ta' bilanċ u proporzjonalita' bejn id-drittijiet tal-kwerelat u dawk privati u ċivili tar-rikorrenti odjern.

**Magħmula dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tirritjeni li xejn mit-talbiet tar-rikorrenti ma huma akkoljabbli, konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha bl-ispejjeż kontrih.**

---

[48] European Court of aHuman Rights-June 2022

**Onor.Miriam Hayman**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep Reg**